**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Numru: 19/2024 MLF**

**Clentec Ltd**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' socjeta Clentec Ltd fejn talbet li s-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' disat elef seba' mija hamsa u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€9,745.86), rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' tindif rezi lilha fuq struzzjonijiet taghha, u dan kif jirrizulta minn zewg fatturi annessi mar-rikors promotur u mmarkati "Dok A001" u "Dok A002" rispettivament.

   Nonostante li s-socjeta konvenuta intimata giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz b'ittra ufficjali datata 5 ta' Dicembru 2023 bin-numru 3688/2023 (kopja annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala "Dok A003"), il-kumpanija intimata baqghet inadempjenti.

   Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi bin-numru 2730/23 ipprezentat

fil-5 ta' Dicembru 2023, u bl-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-5 ta' Dicembru 2023 sal-gurnata tal-pagament effettiv

2. Rat li s-socjeta konvenuta ma dehritx fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2025, ghalkemm kienet debitament notifikata, u mill-atti lanqas jirrizulta li ipprezentat risposta.

3. Semghet ix-xhieda ta' l-avukat Dr Antoine Naudi, rapprezentant legali tas-socjeta attrici, fl-istess seduta.

4. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti esebiti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Mix-xhieda ta' l-avukat Dr Antoine Naudi, u d-dokumenti ezebiti jirrizulta li l-ammont pretiz huwa dovut, u li ma sar l-ebda pagament fil-mori ta' dawn il-proceduri.

6. Is-socjeta konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-Qorti, minkejja li kienet debitament notifikata. Hija ma pprezentatx risposta u lanqas ressqet provi.

7. Ix-xhieda ta' l-avukat Dr Antoine Naudi ma hija bl-ebda mod kontradetta mill-provi fl-atti, u din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddubita mill-veracita ta' din ix-xhieda u tad-dokumenti ezebiti in sostenn tat-talba.

**Konkluzjoni**

8. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' disat elef seba' mija hamsa u erbghin Euro u sitta u tmenin centezmu (€9,745.86), bl-imghax legali mill- 5 ta' Dicembru 2023 sad-data tal-pagament effettiv.

9. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3688/2023 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi bin-

numru 2730/23, iz-zewg attiipprezentati fil-5 ta’ Dicembru 2023, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**